Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

**13028/25**

**CDR 67**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Kroazja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2025[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Nikola DOBROSLAVIČ, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

[1] 10537/25.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Nikola DOBROSLAVIČ, il-Gvern Kroat ippropona[2] li jaħtar mill-ġdid lis-Sur Nikola DOBROSLAVIČ, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Član Županijske skupštine Dubrovačko-neretvanske županije* (Membru tal-Assemblea Reġjonali tal-kontea ta' Dubrovnik-Neretva), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13026/25 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

2 12362/25.